**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 69 / 2015

Il-Laqgha Nru 69/2016 tat-tieni Amministrazzjoni saret nhar l-erbgha, 17 ta' Frar 2016 fis-6.30pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Vince Fabri | Kunsillier, Valletta |
| Is-Sur Lawrence Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Clive Pulis | Vici Sindku, Isla |
| Is-Sra Alison Verafa Civelli | Sindku, Bormla |
| Is-Sur Christopher Bruno | Kunsillier Kalkara |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsalokk |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Ma attendewx**

Zabbar
Zejtun
Fgura
Floriana
Marsa
M'Scala
Paola

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

i.i Il-President spjega li wara li il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 68 mizmuma fl-29 ta' Jannar 2016 kienu ġew cirkolati, hu kien intalab mill-Vici President u Sindku taz-Zejtun, is-Sur Joseph Attard, biex jaghmel amendi f'paragrafu 2.13 – Kontijiet tad-dawl u l-ilma tat-Tribunal. Hu zied li il-minuti kienu irregistraw ezattament dak li kien intqal waqt il-laqgha u ma kienx ihoss li kellhom isiru korrezzjonijiet, anzi kien jemmen u jesigi li dak li ikun intqal waqt il-laqgha jigi registrat fil-minuti.

i.ii Il-President staqsa lill dawk pressenti jekk kienux qed japprovaw il-minuti kif kienu u kien hemm qbil unanimu li jigi approvati fl-interita taghhhom minghajr tibdil. Is-Sur Hoace Gauci, Sindku ta' Marsaxlokk, qal li il-minuti kienu dettaljati hafna b'mod li kulhadd setgha jifhem ic-cirkostanzi tal-kaz. Il-minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

Komunikazzjoni mis-Sindku

### 2.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena li nghalqet fil-31 ta' Decembru, 2015 u il-Budget ghas-sena 2016

Approvazzjoni tal-financial statements u il-budget

i.i Il-President qal li r-Regjun kien hejja ir-Rapport Finanzjarju tas-sena 2015.

i.ii L-Accountants tar-regjun, Is-Sur Alan Craig u is-Sur Ramon Cutajar, minn Mazars, taw spegazzjoni dettaljata tar-rapport li kienu qed iressqu. Huma spjegaw kif ir-revenue generat mis-sistema tal-LES ghal perjodu mill-ewwel ta' Jannar sa l-ahhar ta Settembru meta il-LESA hadet f'idejha l-operat tas-sistema, kien ta' Euros 2,726,974 u kompla li din il-figura kienet tirraprezenta zieda sostanzjali fuq is-sena precedenti fejn f'perjodu ta 12 il-xhar l-income generat kien ta' Euro 1,720,044. Huwa zied li l-sforz mal-management biex is-sistema tkun sostenibbli u tkopri l-ispejjez tal-operat kien halla risultat posittiv fuq il-qaghda finanzjarja tar-Regjun. Ir-Regjun kien ghalaq is-sena bi profitt ta Euros 676,836 b'kuntrast ghas-sena ta qable meta kien gie irregisrat telf ta' Euros 286,002. Is-Sur Cutajar spjega li l-ammont taht general Income kien jinkludi ir-rifuzjoni minn naha tal-LESA tas-salarji ta' l-istaff tat-tribunal.

i.iii Is-Sur Cutajar kompla jispjega li l-sipejjez tal-operat ghas-sena kienu zdiedu b'mod marginali, pero meta jiehed jiehu kont li l-ispejjez relatati mal-operat tas-sistema tal-LES ghas-sena 2015 kienu ikopru 9 xhur biss kien jinnota iz-zieda sostanzjali fir-rati mhallsa ghas-servizzi tal-gwardjani mill-kumpanija Guard and Warden. Huwa spjega li il-kumpanija kienet tat skont fir-rati ghal ewwel sitt xhur tal-ftehim u fit-2015 dahlu fis-sehh ir-rati hekk kif kienu sottomessi fit-tender bid. Huwa kompla jispjega li kienet gie provduta ta' Euros 516,679 ghal *impariment loss* fuq l-ammonti dovuti minn citazzjonijiet li kienu gew gudikati mit-tribunal favur ir-Regjun u li baqghu ma thallsux wara sentejn.

i.iv Is-Sur Cutajar ghadda biex jispjega il-budget ghas-sena 2016. Huwa spega kif matul din is-sena il-LESA kienet se tkopri l-ispejjez tal-operat tar-Regjun u it-Tribunal. Huwa ta' spejega tad-dhul u l-infieq mistenni ghal-din is-sena kif elenkati fil-budget sottomess ghal-konsiderazzjoni tar-Regjun.

i.v Wara din l-ispjega, il-President ghadda dawn ir-rapporti ghal-approvazzjoni tal-Ezekuttiv u gew approvati b'mod unanimu. Ghaldaqstant il-Financial Statements u il-Budget gew iffirmati mil-President tar-Regjun u is-Segretarju Ezekuttiv.

**2.2** **Haddiema taht l-iskema tal-RSSL**

Haddiema taht l-iskema tal-RSSL

i.i Il-President spjega li ir-Regjun kien allokat impjegat iehor mill-RSSL biex issa it-tim kien ta 3 impjegati. Ir-Regjun kien qed ihaddem is-sistema fejn il-haddiema ikunu assenjati ghal-perjodu ta 10 ijiem tax-xoghol lill-kunsilli li jaghmlu talba ghal dawn il-haddiema. Huwa zied li fil-present kien qed isir process fejn il-haddiema tal-ETC qed jigu assorbiti ma agenzjija li qed tahdem mal-ETC. Uhud minn dawn il-haddiema se jkunu assenjati lir-regjuni. Huwa zied li ha jkunu qed isiru spot checks fuq il-haddiema biex jigi sgurat il-presenza taghom fuq il-post tax-xoghol.

i.ii Is-Sindku ta Bormla, Is-Sra Alison Zerafa Civelli spjegat li il-kunsilli se jibdew jigu rifusi biss bhala paga ghal-ewwel 40 siegha. Dan ifisser li il-kunsill se jkollu jaghmel tajjeb ghas-sieghat zejda li jahdmu dawn il-haddiema bhal fil-kaz ta dawk li jiehdu hsieb il-latrini pubblici. Is-Sur Horace Gauci, Sindku ta' Marsaxlokk qed ihallas is-somma ta Euros 27,450 biex ikopri l-spejjez tal-latrini pubblici Il-President fakkar lill dak presenti fic-cirkulari mahruga mid-DLG fejn inghataw struzzjonijiet biex il-kuntratti tal-latrini pubblici jinghataw ghal-perjodi ta 12 il-xhar.

**2.3** **Riforma tal-LESA**

Riforma tal-LESA

i.i Il-President fakkar li fejn ikun ilmenti fuq is-sistema dan ghandhom jintbaghtu lill LESA fuq l-email tal–customer care lesa.mjcl@gov.mt.

**2.4** **Retention Money li jinzamm mil-MEPA meta jinhargu permessi ghal-zvilupp**

Retention money mizmuma mill-MEPA

i.i Il-President qal li il-Kap Ezekkutiv tal-MEPA kien irrisponda lill-Regjun fejn ikkonferma li is-sistema li ir-retention money jigi rilaxxat biss wara konferma mill-kunsilli li ma kienetx saret hsara fuq il-bankini u t-toroq kienet ghadha mithaddem u talab li jekk il-kunsilli jafu b'xi kazi fejn huma ma gewx mitluba din il-konferma huma ghandhom jigbdulu l-attenzjoni biex ikun jista jinvestiga.

**2.5** **Talba lid-DLG biex jinzamm depositu bhala garanzija meta jinhargu permesssi**

Depositi biex jaghmlu tajjeb ghal-hsarat

i.i Il-president spjega li id-DLG kien baghat twegiba lill-Regjun fejn gibed l-attenzjoni ghal-Avviz Legali 441/04. Dan l-avviz jisptula id-deposit li jistgha jinazmm mill-kunsilli meta jinhargu permessi ghall-armar ta' krejnijiet jew meta jigu organizzati attivitajiet fil-lokalita.

**2.6** **Ko-Ordinatur Kulturali**

Ko-ordinatur kulturali

i.i Il-President ta' update tax-xogholjiet li kienu qed isiru mill-kordinatur tar-Regjun kif gej:

- Qed isir porgett fir-Regjun bl-isem "Darba Waħda".Dan huwa proġett multi-dixxiplinarju u jinvolvi anzjani u kif ukoll tfal. Dan il-proġett interġenerazzjonali ħa jġħati liż-żewġ ġenerazzjonijiet

l-opportunita li jiltaqgħu flimkien. Permezz ta' ideat kreattivi li jinkludu drama, logħob, eżerċizzji, arti u snajja, ż-żewġ ġenerazzjonijiet ser jaqsmu, joħolqu, jitgħlmu u jieħdu gost flimkien. Dan il-proġett huwa koordinat minn Anna Formosa, u se jibda f'Marzu bejn il-Kunsilli ta' Ħaż-Żabbar,iż-Żejtun u Marsaskala.

- Saru diskussjonijiet ma' Airen Berg li kien il-koordinatur tal-ECoC ta' difersi postijiet ġewwa l-Ewropa. Hu kien strumentali biex il-Belt kapitali ta' Linz ġewwa l-Awstrija tkun il Belt Kapitali Ewropea. Kien ukoll koordinatur biex Lecce tkun tista tapplika għall-EcoC.

- L-installazzjoni ta' pinnur li kellhu jssir ġewwa Marsaxlokk fit-30 ta' Marzu f'Jum San Girgor ġiet imressqa għal data oħra possibilment f'Mejju. Is-Sindku ta' marsalokk qal din l-attivita aktars kienet se ttitella fit-13 ta mejju li il-kunsill ma kienx qabel ma din id-data ghax hass li l-attivita kellha ssir f'jum M'Xlokk

- Saret laqgha ma artisti maltin li jistaw ikunu ta' għajnuna lil Valletta 2018.

- Ittellghu diversi laqgħat fuq programmi edukattivi (Education Strand) bħal "Oħloq Kultura" flimkien ma' lis-skola sajf, "Kanta Kantun" għat-tfal tal-ewwel u t-tieni sena tal-iskola Sekondarja, "Sounds and Loud", "The Box", "Studio 18+" u "Showcase".

- Il-Karnival tas-Sajf ġie approvat ukoll ġewwa Marsaskala u hemm il-ħsieb li l-istess Karnnival issir ġewwa Għawdex.

- Il-laqgħa li kellha ssir illum dwar "Pegaeant of the Seas (Ġenn it-tellieqa)" ġiet posposta għal għada. Il-President sjega li wara l-indicenti li sehhew waqt l-attivita Paqopaqlki bhal issa il-prepoaratmut ghal-dan il-peagant kienu weqfin ma jsiur l-arrangemane tkollha necesssarji beix din l-attivita tkun koperta b'insurance policy. Is-Sur Vince Fabri, Kunsillier il-B l-attendenza gahl-karnival fil-Belt kienet zdsiedet b'mod sostanzjali u li ghalhemm kellu jigi ikkunsidraw li tinregeg polza ta assikurazżżjini ghal waqt dawn l-attivitajit.

**2.7 Projett SCOW** — Progett SCOW

i.i Il-President qal li jekk kien hemm minn kien interessat li jutilizza composter fl-iskejjel jew gonna fil-lokalita, kellu jibghat l-interess tieghu lir-regjun. Is-Sra Alison Zerafa Civelli qalet li kienet se tkun qed ticcekkja ma l-iskola.

**2.8 Progetti tal-EU - URBACT SUMP** — Progetti tal-EU

i.i Ir-President qal li l-espert tal-Progett kien se jkun malta bejn it-3 u l-4 ta Marzu bIEx jiltaqgha ma l-istakeholders involuti fil-progett.

**2.9** **Alokazzjoni ta' fondi ghal-attivitajiet kulturali fir-Regjun**

Fondi ghal-reklamar ta' attivitajiet kulturali fir-Regjun

i.i Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier il-Birgu saqsa jekk fil-kampanja li kienet ser titella kienx se jkun hemm wkoll il-Logo tar-Regjun. Il-President spjega li ir-Regjuni kienu qeghdin hemm b'mod kostituzjonali u ghalhekk iva il-logo tar-Regjun kien se jkun utilzat fuq materjal promozzjoonali.

EM Citizen Project 2016

**2.10** **EM Citizen Community Project 2016**

i.i Il-President qal li kien ircieva konferma minn 12 il-kunsill li kienu se jippartecipaw f'dan il-progett It-Regjun ma kien irceva l-ebdsa risposta mill-kunsilli tal-Fgura, Zabbar u z-Zejtun. Il-Kunsilli kienu se jkun qed ihallsu Eros 300 u ir-Regjun Euros 500. It-TCTC kienet se jkun qed thejji fuljetti ta informazzjoni dwar dan il-course u tinkludi il-logo tar-Regjun u il-kunsilli partecipi. Kienu se jkunu jistghu jattendi ghal-dawn il-courses biss residenti fil-lokalitajiet li taghhom il-kunsilli li kienu jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

Tribunal fiz-Zejtun

**2.11** **Tribunal fiz-Zejtun**

i.i Il-President qal li il-cameras li hemm imwahhlin fuq il-binja tat-tribunal u li ma kienux jahdmu, kienu ghadhom ma gewx maqlugha.

Kontijiet tad-dawl u ilma tat-Tribunal

**2.12** **Kontijiet tad-dawl u l-ilma tat-Tribunal**

i.i Il-President qal li wara li fl-ahhar laqgha konna qbilna mal-Vici President u Sindku ta-Zejtun li jidentifikaw lill xi had biex jaghti stima tal-konsum tad-dawl u ilma mit-tribunal, hu kien kellem lic-Chairman tal-Enemalta li kien tah il-parir biex isir sub meter ghal-ufficini tat-tribunal u wara sitt xhur mill-istallazzjoni tieghu ikun jista jinhareg il-konsum u jsiru pagament skond dan il-konsum.

i.ii Is-Sur Horace Gauci, Sindku ta Marsaxlokk saqsa ghal-beneficcju tad-dubju jekk it-tribunal kellux bzonn a single phase jew 3 phase meter. Il-President wiegeb li fir-regjun kellu single phase u it-tribunal ma kellux bzonn ta izjed minn hekk. Is-Sur Gauci saqsa wkoll jekk it-tribunal kienx idum miftuh izjed mir-Regjun u il-president wiegeb li pjuttost ir-Regjun idum izjed miftuh.

i.iii Kien hemm qbil minn dawk presenti li ghandu isir sub-meter u jsiru pagament skond il-konsum irregistrat fuq dawn is-sub meters.

Tigdid tal-kuntratt mal-Guard and Warden House Services Ltd

**2.11** **Tigdid tal-Kuntratt mal-Guard and Warden House Services Ltd**

i.i Il-President qal li wara li mill-ewwel ta Ottubru bdiet topera il-LESA din l-agenzija hadet ir-rwol li topera is-sitema tal-LES li qabel kienet imhaddma mir-Regjun. Huwa qal li ir-Regjun ircieva direttiva biex jaghti estenzjoni ghal-kuntratt li kien gie iffirmat mir-Regjun fit-2014 ma din il-kumpanija u dan wara li kienet inharget l-awtorita mid-DLG biex issir din l-estensjoni sa ma tinhareg tender gdida.

i.ii Il-President zied wkoll li ir-Regjun kien intala iwaqqaf is-servizz ippovdut mill Aurelia Services fil-lokalitajit tal-Furjana u il-Marsa.

Peress li ir-Regjun qatt ma kien iffirma xi kuntratt ma din il-kumpanija huwa flimkien mas-segretarju ezekuttiv hass li ma kellux jinvolvi ruhu. Hu kellu informazzjoni li din il-kumpanija kienet giet imqaqqfa mis-segretatrejat.

Core Platform

**2.12 Core Platform**

i.i Il-Presdient spejga li is-Segretarju ezekkutiv kienet attendiet laqgha organizzata mill-President tal-Core Platform. Din il-platform iggib flimkien numru ta imsiebha socjali kif wkoll fondazzjonijiet imwaqqfa mill-kumpaniji principali f'Malta. Din kienet inizjattiva tal-Eccellenza taghha il-President ta' Malta. L-imsiehba f'din il-Platrom kienu qed ifittxu li jahdmu mal-kunsilli lokali u ir-regjuni f'inizjativi biex igib flimkien il-kunsilli/regjuni, l-NGO's fil-lokalitajiet u ir-residenti. Il-President qal li bhala Regjun kien ijoss li ghandna nippartecipaw f'din l-inizattiva u talab lill dawk li kienu interessati biex jinformw lir-Regjun permezz ta emajl.

Presentazzjoni minn Rodeco Limited

**2.13 Presentazzjoni minn Rodeco Limited**

i.i Il-President informa lill dawk presenti li kiien ircieva talba mis-Sur James Xuereb, direttur ta Rodeco Limited biex jerga jiltaqgha mal-ezekuttiv u ghalhekk hu kien stiednu jattendi ghall-laqgha. Is Sur Xuereb rega ta spejga ta kif tahdem is-sistema uzata mill-kumpanija tieghu u qal li il-kumpanija tkun tista toffri rati ahjar jekk jippartecipaw il-kunsilli kollha tar-regjun jew numru sosanzjali minnhom. Is-Sur Xuereb intalab minn dawk presenti biex ihejji presentation biex imbaghad tkun tista tigi diskussa fil-kunsilli.

Skeda ta' Pagamenti

**3. <u>Skeda ta pagamenti</u>**

L-Iskeda tal-Pagamenti kif wkoll dik tal-petty cash ghal-perjodu Settembru sa Dicembru 2015 gew approvati u iffirmati wkoll minn zewg membri tal-kumitat.

Gheluq tal-laqgha

**4. <u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

______________________________ ______________________________

**Chev. Paul Farrugia** — **President**

**Joan Mangion** — **Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati illum ______________________________________________